# IL-BRADELLA TA' SANTA KATARINA

## Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela

B.A. (Hons.); Lic.D; H.E.L



- Iżżanżnet fil-Festa ta' Santa Katarina, 1911
- Ħeġġa ta' l-Arċipriet Dun Lawrenz Degabriele
- L-Imgħallmin Żwieten li ħadmu b'xejn
- Maħduma bl-ifjen injam u mżejna bil-fided

Fil-festa ta' Santa Katarina V.M., Patruna taż-Żejtun, tas-sena 1911 fil-knisja parrokkjali żżanżnet dik li aħna fiż-Żejtun insejħulha l-bradella ta' Santa Katarina. Bil-kelma "bradella" aħna fiż-Żejtun nifhmu mhux biss dik il-parti ta' fuq li fuqha sserraħ il-vara bil-pedestall tagħha u li tinħareġ fil-purċissjoni, iżda wkoll dik il-parti akbar li f'ċerti parroċċi tissejjaħ "bankun", u li fuqha tistrieħ il-vara bil-bradella b'kollox ġewwa l-knisja. Aħna l-Maltin ħadna l-kelma "bradella" mill-Isqalli pradella.

### Tagħrif mill-Arkivju Parrokkjali

Nhar id-19 ta' Diċembru, 1911, l-Arċipriet Dun Lawrenz Degarbriele, li kien ukoll prokuratur tal-knisja wara l-mewt ta' Dun Feliċ Micallef Grimaud fl-1906, niżżel fir-reġistru tal-kontijiet, fejn isemmi l-ħruġ, dan il-kliem, Per un dono a quattro carpentieri che lavorarono gratis il pedestallo nuovo - bradella - per la statua di S. Caterina (1), meta ta rigal ċkejken lil min ħadem b'xejn fil-bradella. U fl-24 ta' Lulju tas-sena 1912 niżżel, Al Mro. Nicola Orlando ferrario per lavoro e spese nella bradella (2). Mela minn dawn iż-żewġ notamenti diġa' nafu bid-data meta tlestiet din il-bradella ġdida, il-fatt li l-erba' mastrudaxxi li ħadmu fiha ma riedux ħlas għax-xogħol tagħhom, u isem il-ħaddied li fix-xhur ta' wara għamel ix-xogħol neċessarju għal din il-bradella. Hi tassew ħasra li Dun Lawrenz ma niżżilx l-ismijiet ta' l-erba' mastrudaxxi li ġenerożament ma riedux jitħallsu tax-xogħol tagħhom fuq il-bradella.

### Tagħrif mill-ġurnal "Malta Tagħna"

Aktar tagħrif tahulna l-ġurnal "Malta Tagħna" tal-25 ta' Novembru, 1911, fejn taħt artikolett intitolat Opri Ġodda fiż-Żejtun naqraw "Opra tal-arti wisq sabiħa sejra tiġi esposta għall-pubbliku fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun fil-festa li ġejja ta' S. Katarina Verġni u Martri. Din hi bradella bis-sotto-bradella tagħha għall-istatwa ta' l-imsemmija qaddisa, li fuq id-disinn ta' Ġużeppi Decelis ġiet maħduma b'injamijiet prezzjużi u b'maestrija u finezza kbira minn xi dilettanti tar-raħal, u mżejna bi skulturi l-aktar delikati u b'ornamenti u simboli tal-fidda, illi fiha x'tara tassew u tagħmel unur kbir lil dawk kollha li b'kull mod tant ħadmu u mpenjaw biex issir din l-opra". Il-kittieb iżid li fl-istess okkażjoni kellhom ukoll jiżżanżnu standard irrakkmat tal-Fratellanza tar-Rużarju, disinn ta' Ġużeppi Baldacchino, u ventaltar ta' San Ġużepp, rakkmu tad-deheb fuq bellus aħmar, disinn ta' Antonio Sapiano. Mela informazzjoni ġdida li nieħdu minn dan il-ġurnal



***Dettal mill-Bankun ta' Sta Katerina***

u li ma taniex Dun Lawrenz Degabriele dwar din il-bradella hi, li hi saret fuq disinn ta' Ġużeppi Decelis. Iżda minn sorsi oħra nafu li x-xogħol ta' skultura sar minn Emanueli Buhagiar (3). L-Arċipriet Degabriele kien diġa' lesta opra kbira meta rrestawra l-koppla tal-knisja, u wara din il-bradella hu rrestawra l-kor (1914). Aktar tard hu rrestawra l-vara stess u ġiebha kif narawha llum. Allura, meta tlestiet il-bradella fl-1911, il-vara ta' Santa Katarina kienet wisq differenti milli kif narawha llum, għaliex kienet għadha l-istess statwa, b'ċerti modifikazzjonijiet, li nġiebet minn Spanja fis-seklu XIX. Idea ħafifa ta' kif kienet l-istatwa fl-1911 nistgħu neħduha minn niċċa f'kantuniera quddiem il-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk. L-Arċipriet Degabriele jagħtina wkoll ħafna tagħrif dwar kif kien idaħħal il-flus - ġeneralment permezz ta' lotteriji u kontribuzzjonijiet kontinwi - ġbir li kien isir minn numru ta' qassisin, speċjalment l-Arċipriet innifsu - u permezz ta' arbural (4). Dan l-arbural jiswa biex jagħtina tagħrif dwar min kienu n-nies tassew midħla tal-knisja.

## Disinn ta' Ġużeppi Decelis

Ġużeppi Decelis kien mgħallem fl-arti tad-disinn, skultura, ebbanisterija u intersjar. Twieled fil-Birgu nhar it-23 ta' Diċembru, 1866, iben Manuel Decelis u Lorenza, imwielda Busuttil (5). Tgħallem id-disinn u l-iskultura għand missieru stess u kompla jistudja fl-iskola ta' l-arti f'Bormla. Meta qorob il-25 sena żżewweġ lil Elvira Francica fil-Birgu stess nhar is-17 ta' Ġunju, 1891 (6). Kien mhux biss membru, iżda wkoll rettur tal-Arċikonfraternitaċ tar-Rużarju fil-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu, knisja li hu żejjen b'ħafna mill-aqwa opri tiegħu, iżda li sfortunatament ġarrbet ħsarat immensi fl-aħħar gwerra. Fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun għandna numru konsiderevoli ta' opri tiegħu, barra din il-bradella ta' Santa Katarina. Hekk, per eżempju, tiegħu huma d-disinji tal-istandard vjola tal-Ġimgħa l-Kbira, tal-bandalora S.P.Q.R. u tas-Seba' Kelmiet. Hu ddisinja wkoll is-sodda tal-Monument li saret fl-1932 u l-ventaltar ta' San Mikiel li żżanżan is-sena ta' wara. Fl-1929 żejjen lill-knisja taż-Żejtun b'wieħed mill-isbaħ tużelli fil-knejjes Maltin u Għawdxin (7). Ġużeppi Decelis miet f'Raħal Ġdid nhar l-10 ta' Lulju, 1958, fl-etaċ ta' 92 sena (8). Fil-Birgu semmew triq għalih.

## Skultura ta' Emanueli Buhagiar

Flimkien ma' Decelis ħadem l-iskultura ta' din il-bradella wkoll Emanweli Buhagiar, li xejn anqas minn Decelis kien tajjeb fix-xogħol ta' l-injam. Bħal Decelis, Buhagiar kien twieled fil-Birgu, nhar is-16 ta' Diċembru, 1876, iben chargeman fid-dockyard. Studja taħt l-iskultur Aristide u l-pitturi Ġużeppi Bonnici u Lazzaro Pisani. Għall-parroċċa ta' Ħal Kirkop ħadem il-bradella ta' San Anard u l-ventaltar tar-Rużarju. Għandu ħafna opri ta' l-arti f'diversi knejjes, fosthom il-bradelli ta' Ħ'Attard, Marsaxlokk, Għargħur, Ħad-Dingli, Ħaż-Żabbar, Ħal-Safi u ż-Żurrieq, barra s'intendi din taż-Żejtun. Iżda l-aħjar xogħlijiet tiegħu ta' skultura huma l-ventaltar ta' Ħal-Tarxien u l-famuż tużell ta' Santa Katarina taż-Żejtun, li hu skolpixxa fuq disinn ta' Decelis, li kien għaxar snin ikbar minnu. Buhagiar kellu

kapaċita kbira bħala skultur fl-injam, u żgur li ta' dan hu xhieda x-xogħol fin u elaborat bir-reqqa li hu għamel f'din il-bradella ta' Santa Katarina fiż-Żejtun. Hu parentela kemm ta' Mario Buhagiar, professur ta' l-arti fl-Universitaċ ta' Malta, kif ukoll ta' Dun Albert Buhagiar, li ftit tas-snin ilu kien viċi-kappillan hawn fiż-Żejtun, u bħalissa hu arċipriet tas-Siġġiewi, wara, li qatta' numru ta' snin segretarju tal-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca. Emanueli Buhagiar miet nhar is-27 ta' Frar, 1962 (9).

## L-Erba' Mastrudaxxi Żwieten

Il-problema tinħoloq meta niġu għall-erba' mastrudaxxi msemmija mill-Arċipriet Degabriele fir-reġistru tal-ħruġ, fejn jgħidilna li ħadmu fuq il-bradella b'xejn (gratis) iżda ma jagħtiniex isimhom! Barra l-Arċipriet, il-ġurnal "Malta Tagħna" jirreferi għal xi "dilettanti tar-raħal" li ħadmu fil-bradella. Fl-opinjoni tiegħi l-kelma "dilettanti", għall-inqas kif nifhmuha llum, ma ddoqqlix tajjeb. Min kienu dawn l-erba' carpentieri (il-kelma użata mill-Arċipriet Degabriele) ġenerużi? Wieħed minnhom żgur li kien l-imgħallem Spiridione Ellul (imlaqqam "Tal-Qrendi" jew "L-Imkemmxa") li kien midħla ħafna tal-knisja, tant li dam għal bosta snin prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira. Spiru, kif kulħadd kien isibu, kien twieled fl-1881, iben Vincenzo Ellul u Lorenza, imwielda Abela. Meta kiber, iżżewweġ lil Ludgarda Xerri. Allura meta beda jaħdem fil-bradella li, skond ma jingħad, bdiet tinħadem fl-1904 - damu 7 snin biex lestewha - l-imgħallem Spiru kellu biss 25 sena. Ix-xogħol fuq il-bradella kien isir f'kamra msaqqfa bil-pjanċi u msejħa "il-barrakka", fil-ġnien tal-knisja li dari kien fejn illum hemm il-bini parrokkjali. Spiru u sħabu



*Il-bradella bl-istatwa oriġinali ta' Sta Katerina*

kienu jaħdmu fuq il-bradella biss nhar ta' Ħadd u fil-festi. Bħala mastrudaxxa Spiru kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu personali fejn illum hemm il-workshop ta' Dar Nazaret, filwaqt li d-dar tiegħu kienet nru. 35, Triq Beland, fejn hu wkoll miet nhar is-26 ta' Frar, 1963, fl-etaċ ta' 82 sena. Ta' min jiftakar illi, filwaqt li kienet qed issir din il-bradella, għall-inqas fl-ewwel snin tax-xogħol, kien qed isir ukoll ir-restawr tal-koppla tal-knisja parrokkjali. Niġu issa għat-tliet mastrudaxxi l-oħra li ħadmu ma' Spiru u li probabbilment kienu akbar minnu fl-eta'. Min kienu? Mhux faċli li nagħtu risposta, għaliex s'issa għadni ma ltqajt m'isimhom fl-ebda manuskritt. Ġbart biss xi tagħrif mogħti lili bil-fomm. Jissemma, per eżempju, mastrudaxxa mill-familja "Ta' Ċirill". Kien hemm min semmieli lil Leli Caruana, imlaqqam "Ta' Messa", li kien joqgħod fi Triq Ħabel ix-Xgħir, lil Ġianninu ta' Betti, u lil ieħor magħruf bħala "Żera Żera", li wara emigra għall-Awstralja, fejn ukoll miet (10).

## Injam Fin

Niġu issa għall-bradella nfisha. L-injam li ntuża għaliha kien ta' tliet kwalitajiet: (i) għall-panewijiet bejn il-pilastri, l-imgħallmin għamlu użu mill-ebbanu, li hu injam fin ta' kulur sewdieni minn siġra li tikber l-aktar fl-Afrika u l-Indja, u li jintuża għal xogħol ta' l-akbar preġju; (ii) għax-xogħol fil-pilastri użaw il-ġewż (walnut), għuda stmata ħafna, iebsa u żejtnija, li fl-inxif tiswa ħafna għall-għamara, ta' lewn kannella jagħti fl-isfar; u (iii) għax-xogħol delikat fl-iskultura għamlu użu mill-injam isfar tal-larinġ (orange wood), għuda mielsa mis-siġra tal-larinġ, li tinqata' skond il-ħtieġa. Fil-wiċċ tal-bradella daħħlu ftit xogħol tal-intersjar. Fejn riedu jdaħħlu l-kulur abjad, għamlu użu mill-fidda, li użaw ukoll fl-erba' kuruni, waħda fuq kull arma tal-erba' parroċċi - iż-Żejtun u t-tliet parroċċi li ħarġu minnu - u f'ornamenti oħra rqaq.

## Deskrizzjoni

Fin-naħa ta' quddiem, eżattament fin-nofs, tidher l-arma taż-Żejtun, bis-salib aħdar fuq sfond abjad (fidda), b'żewġ friegħi taż-żebbuġ (fidda wkoll) mal-ġnub ta' l-iskudett, u bil-kuruna fuqu. Din mhix il-kuruna li tindika li ż-Żejtun għandu titlu ta' belt. Fil-panewijiet tal-ġnub naraw, fuq il-lemin il-palma tal-martirju, bi tliet kuruni, (martirju, safa u għerf), u fuq in-naħa tax-xellug il-ġilju tal-purita'. Kemm il-palma, kif ukoll il-ġilju, huma tal-fidda. Fuq wara tal-bradella hemm l-arma ta' Marsaxlokk (li nfired miż-Żejtun fl-1897), salib iswed ta' Sant' Andrija fuq sfond isfar. Fil-panew tal-lemin naraw, skolpiti fl-injam tal-larinġ, il-kuruna tar-rand, simbolu tal-ġieħ mogħti lill-qaddisa, u s-sejf li jfakkar qtugħ ir-ras ta' Santa Katarina, filwaqt li fil-panew tax-xellug naraw xbieha tal-ħabs fejn hi nżammet maqfula.

Fuq in-naħa tal-lemin tal-bradella hemm l-arma ta' Ħal-Għaxaq (infired miż-Żejtun fl-1626), strixxi djagonali ħodor fuq sfond abjad (fidda), bil-mannara u l-katina, u strumenti oħra ta' tortura, speċjalment ir-rota bis-skieken, skolpiti fl-injam tal-larinġ, fil-panewijiet tal-ġnub. L-arma l-oħra, dik ta' Ħaż-Żabbar (ħareġ miż-Żejtun fl-1615), faxx aħdar djagonali fuq l-abjad (fidda) u l-aħmar, il-kuluri ta' Malta, tidher fin-naħa l-oħra tal-bradella. Ix-xettru u l-kuruna ta' prinċipessa, u ż-żewġ twavel tal-kmandamenti u s-salib tal-fidwa, huma wkoll skolpiti fl-injam tal-larinġ, fuq il-panewijiet tal-ebbanu.

Nistgħu ngħidu li kważi għaddew mitt sena mindu tlestiet din l-opra artistika, u bħal kull ħaġa oħra li jgħaddi ż-żmien minn fuqha, jidher li wasal il-waqt li xi ħadd ta' l-affari tiegħu jdur dawra madwarha, biex jara xi ħtieġa għandha ta' restawr. Hi ġawrha oħra li żżejjen lill-knisja parrokkjali

tagħna, b'mod speċjali fil-jiem għeżież tal-Festa ta' Santa Katarina (11).

**Riferenzi:**


1) Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 311, p.48
2) Idem, p.50
3) Informazzjoni mogħtija minn Ġann Mariċ Debono lil Anton Attard, Birgu
4) MS 311, pp.25ff
5) Reġistru Pubbliku, Valletta, Ċert. Nru. 23 / 1867
6) A.P. Birgu, Lib. Matr. 1872 - 1902, f.173v
7) Anton Attard, Mastru Ġużeċ Decelis, pp.79 - 81
8) A.P. Parr. ta' Kristu Reċ, Raħal Ġdid, Lib. Def. IV, p.55
9) M. Schiavone u Louis J. Scerri, Maltese Biographies of the Twentieth Century , p.103
10) Inrodd ħajr lil Carmelo Baldacchino li ġabarli dan it-tagħrif u lil Ġużeppi Caruana.
11) Wara li lestejt dan l-istudju, sirt naf illi fis-sena 1911 l-Isqof Pietru Pace ordna lill-parro"i taż-Żejtun u taż-Żurrieq biex jittrasferixxu l-festa u ma ssirx fil-25 ta' Novembru ("Malta Tagħna", 25 / 11 / 1911). Dan minħabba l-inkwiet li kien hawn f'Malta fil-kwistjoni bejn il-Knisja u Manwel Dimech, li fil-fatt ġie skomunikat mill-Isqof fit-28 ta' Novembru ta' l-istess sena.



HAGAR QIM RESTAURANT

**ĦAĠAR QIM**
**BAR & RESTAURANT**




**Prop. Jane Cini**

**Tel: 21 424 116**
**Mob: 9943 7329**
**9949 7329**

Għamlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb għall-Arjatal-Kampanja, f'Ambjent kwiet u sabiħ. Iżjed qrib in-natura

- SPEĊJALIZZATI FIL-FNIEK
- SET MENU
- SNACKS
- A LA CARTE

Nifthu mit-Tlieta sas-Sibt bejn l-10.00 a.m u l-4.00p.m - 7.00p.m il-quddiem.
Il-Ħadd il-Ġurnata kollha. It-Tnejn Magħluqin